KAPITOLU 472

ATT DWAR IL-MEMBRI PARLAMENTARI U L-IMPJIEG PUBBLIKU

Att dwar il-Membri Parlamentari u l-Impjieg Pubbliku.

10 ta' Awissu, 2004

L-ATT XI tal-2004.

Titolu fil-qosor.

1. It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu l-Att dwar il-Membri Parlamentari u l-Impjieg Pubbliku.

Tifsir.

2. F'dan l-Att kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:

(*a*) "Kamra" tfisser il-Kamra tad-Deputati;

(*b*) "kariga pubblika", "uffiċjal pubbliku" u "is-servizz pubbliku" għandhom l-istess tifsira bħal dik mogħtija lilhom bl-artikolu 124 tal-Kostituzzjoni;

(*ċ*) "korp dixxiplinat" għandha l-istess tifsira bħal dik mogħtija lilha bl-artikolu 47(1) tal-Kostituzzjoni;

(*d*) "Kostituzzjoni" tfisser il-Kostituzzjoni ta' Malta.

Kif uffiċjali pubbliċi jikkwalifikaw biex jiġu eletti membri tal-Kamra.

3. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 4, għall-finijiet tal-artikolu 54(1)(*b*) tal-Kostituzzjoni, qiegħed b'dan jiġi provdut li uffiċjal pubbliku, li l-kariga tiegħu, sostantiva jew xort'oħra, fis-servizz pubbliku ma tkunx qiegħda fuq skala ta' salarju li tkun ogħla mill-iskala ta' salarju 6, jew xi skala ta' salarju oħra li l-Kamra tista' b'Riżoluzzjoni minn żmien għal żmien tistabbilixxi, ikun jikkwalifika biex jiġi elett membru tal-Kamra.

(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (3) uffiċjal pubbliku li jkun elett membru tal-Kamra jgawdi dawk id-drittijiet, u jkun soġġett għal dawk l-obbligazzjonijiet u kondizzjonijiet, bħal kull uffiċjal pubbliku ieħor fl-istess grad jew pożizzjoni; b'dan illi dak il-membru għandu jitħalla jaqdi dmirijietu fil-Kamra.

(3) Meta l-Prim Ministru jkun jidhirlu li jkun hekk meħtieġ fl-interess pubbliku, huwa jista' b'Ordni pubblikat fil-Gazzetta jagħmel regoli speċjali taħt dan l-Att li bihom jimpedixxi uffiċjali pubbliċi li jiġu eletti fil-Kamra milli jaqdu dmirijiethom f'xi dipartimenti jew uffiċċji partikolari jew milli jwettqu xi dmirijiet partikolari, u dawk l-uffiċjali pubbliċi għandhom jiġu assenjati mill-ġdid band'oħra jew inkella jiġu eżonerati minn dawk id-dmirijiet skont ma jkun speċifikat b'dak l-Ordni.

Membri ta' korp dixxiplinat.

4. Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att ma għandhom japplikaw għal ebda membru ta' korp dixxiplinat.